MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 154/2009

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minorenni C nominata b'digriet tat-30 ta' Dicembru 2009**

**-vs-**

**D E,**
**F G H B u**
**d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi fl-14 ta' Gunju 1992 hija kellha tarbija li jisimha C (certifikat tat-twelid anness Dok. A fl-inkartament).

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri C jidher illi huwa jigi bin l-intimat D E li dak iz-zmien kien mizzewweg lill-attrici, liema zwieg pero’, kien gie dikjarat null.

Illi fil-fatt, il-minuri C huwa l-iben naturali tal-intimat l-iehor F G H B billi twieled minn relazzjoni extra maritali li r-rikorrenti kellha mal-imsemmi F G H B u li llum huwa mizzewweg lir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi l-minuri C li twieled lir-rikorrenti A B fl-14 ta’ Gunju 1992, mhux bin l-intimat D E izda huwa l-iben naturali tal-intimat l-iehor F G H B.

Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C liema certifikat igib in-numru ta’ iskrizzjoni 2981/1992 fis-sens illi isem missier it-tarbija li huwa indikat bhala D E, u il-konnotati kollha tieghu jigu kkancellati, u sostitwiti b’isem l-intimat l-iehor F G H B u l-konnotati kollha tieghu li jirrizultaw mic-certifikat tat-twelid tieghu anness Dok. AC2.

Tordna ukoll li jigu kkancellati u mhassra l-kliem “the said” mill-kolonna li tirrigwarda d-dettalji tal-omm u cioe’ tar-rikorrenti A B.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament talanqas mill-atti li gew servuti lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C skont id-dettami tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi in vena preliminari ukoll, l-esponent m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk

ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi probatorji, ghalkemm f’dan l-istadju l-esponenti kordjalment jissollecita lir-rikorrenti A B sabiex tipprezenta kopja legali tas-sentenza finali mghoddija in gudikat li ddikjarat l-annullament taz-zwieg taghha minn ma’ D E;

Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost jehtieg li tigi pprovata l-impossibilita’ fizika tal-kongungiment bejn ir-rikorrenti A B u D E tul il-perjodu, li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll li jigi pprovat li l-pussess ta’ stat tal-minuri C ma jaqbilx ma’ l-istat li jaghtih l-Att tat-Twelid korrispettiv a tenur tal-Artikolu 81 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi subordinatament bla pregudizzju ghall-premess f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti huwa importanti sabiex tintlaqa’ t-tieni talba sussegwenti li r-rikorrenti tispecifika permezz ta’ nota d-dettalji personali kollha tal-allegat missier naturali, senjatament l-isem u l-kunjom, id-dokument ta’ l-identita’, l-eta’, il-post tat-twelid, il-post ta’ residenza u isem u kunjom tal-missier patern u jekk kienx haj meta twieled il-minuri C, sabiex dawn jigu inseriti fl-Att tat-Twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 2981/1992;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz huwa mexa skond id-dispozizzjonijiet kif komminati fl-Artikoli 67 u 68 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Inoltre l-azzjoni tar-rikorrent m’hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir ta’ l-esponent u ghalhekk huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Dicembru 2009, li permezz tieghu l-attrici giet nominata kuratrici ad litem tal-minuri binha.

Rat ir-risposta guramentata ta’ E D fejn dan eccepixxa:

Illi l-esponenti kellu l-allegat zwieg tieghu mal-attrici ddikjarat null u invalidu fl-atti tal-kawza “A E –vs- D E”, citazzjoni 762/93 – FD, inizzjata l-ewwel dehra 13 ta’ Ottubru, 1993, u deciza ftit xhur wara fl-1994.

Illi l-esponenti jikkonferma l-Affidavit ta’ A B: ID No. *omissis* ta’ Nru. *omissis (indirizz),* tas-26 ta’ Gunju, 2009, fl-intier tas-sitt (6) punti kollha.

Illi l-esponenti se jinkariga lill-Avukat li kellu f’Dicembru 1993, Dottor Emmy Bezzina, biex jirraprezentah fl-1 ta’ Dicembru, 2009, pero’ ma jridx li jiddahhal fi spejjez u drittijiet, billi huwa qatt ma kellu xi relazzjonijiet ta’ ebda forma ta’ sesswalita’ mal-attrici.

Illi ghalhekk jitlob li jinheles mill-osservanza tal-gudizzju u li ma jigi involut f’ebda forma ta’ spejjez u drittijiet.

Illi l-esponenti huwa dizabilitat: Kummissjoni Nazzjonali Persuni b’Dizabilita’ Nru. *omissis* [D.O.B.: 24.01.1963] valida sas-7 ta’ Jannar, 2014.

Illi l-esponenti jissottometti li t-Talbiet tar-Rikorrenti Attrici ghandhom bazi legali u fattwali biex jigu milqugha.

Illi l-esponenti jgharraf illi huwa sejjer ikun imsiefer l-Ingilterra ghall-kura u biex jinghata tahrig fuq hidma hafifa kompatibbli mad-dizabilta’ tieghu.

Tant ghandu x’jissottometti umilment l-esponenti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-attrici A B kienet izzewget lil D E fi Frar 1990 u dan iz-zwieg gie dikjarat null b’sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili f’Lulju 1994.

Jirrizulta mill-provi prodotti, senjatament mill-affidavit tal-attrici kif konfermat mill-konvenut fir-risposta tieghu, illi l-attrici ghexet biss ma l-ewwel ragel taghha ghall-perjodu ta' xahar, u f'dan il-perjodu hija ma kellhiex relazzjonijiet sesswali mieghu.

Sussegwentement, qabel id-dikjarazzjoni gudizzjarja tan-nullita' ta' dan iz-zwieg, l-attrici kellha relazzjonijiet mal-intimat l-iehor F G B. Minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri C.

Il-Qorti kkunsidrat l-Art. 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

"Il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata ukoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha".

Il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti, il-kundizzjonijiet imposti mil-ligi fir-rigward gew sodisfatti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri C li twieled fl-14 ta' Gunju 1992, m'huwiex iben l-intimat D E izda huwa iben naturali ta' F G H B.

Tordna illi fl-att tat-Twelid Nru. 2981/1992 minflok il-konnotati ta' D E, ghandhom jitnizzlu l-konnotati ta' F G H B, karta ta' Identita' Nru. *omissis (k.i. nru),* imwieled Assiyout, Egittu, iben G B, haj. Kunjom il-minuri ghandu jitnizzel bhala B.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti A B.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------